# Curia Omm u Għalliema

Jannar 2023

***Nru 508, l-44 sena***

## Fuljett mill-membri tal-Leġjun ta' Marija

*Silta mis-sinteżi mill-enċklika tal-Papa Franġisku* – **Fratelli Tutti**

Marbuta mal-verità, il-paċi u r-rikonċiljazzjoni għandhom ikunu "proattivi", jimmiraw għall-ġustizzja bid-djalogu, f'isem l-iżvilupp reċiproku. Minn hawn tiġi l-kundanna li l-Papa jagħmel lill-gwerra, "ċaħda tad-drittijiet kollha", u impensabbli mqar f'xi għamla ipotetikament "ġusta", għax illum l-armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi jħallu effetti enormi fuq ċivili innoċenti.

B'saħħtu wkoll il-rifjut tal-piena kapitali, imsejħa "inaċċettabbli", u ċentrali s-sejħa għall-maħfra, marbuta mal-kunċett tal-memorja u tal-ġustizzja: taħfer ma jfissirx tinsa, jikteb il-Papa, lanqas tibqa' lura milli tiddefendi d-drittijiet tiegħek biex tħares id-dinjità tiegħek, li hi don ta' Alla.

Fl-isfond tal-Enċiklika hemm il-pandemija tal-Covid-19 li – jiżvela Franġisku – "sewwasew jiena u nikteb din l-ittra, faqqgħet b'mod xejn mistenni". Imma l-emerġenza sanitarja globali serviet biex turi li "ħadd ma jsalva waħdu" u li waslet tassew is-siegħa li "noħolmu bħala umanità waħda" li fiha aħna "lkoll aħwa" .



# Għalhekk m'għandekx izzekzek

Fil-Greċija Antika, Socrates kellu reputazjoni kbira bħala bniedem għaref. Darba, kien hemm wieħed li mar iżuru u qallu:

- Taf xi smajt fuq il-ħabib tiegħek?
- Stenna, irrisponda Socrates. Qabel ma tgħidli, nixtieq ngħamillek it-test tat-tliet għarbiela.
- It-tliet għarbiela?
- Iva, kompla Socrates. Qabel ma tgħid xi ħaġa fuq l-oħrajn, huwa tajjeb li tieħu l-ħin biex tagħrbel dak li ser tkun tgħid. Jiena nsejjaħlu t-test tat-tliet għarbiela. L-ewwel għarbiel huwa l-**VERITA`**. Inti fittixt biex tara jekk dak li ser tgħidli huwiex veru?
- Le. Jiena smajtha biss.
- Tajjeb! Mela, inti ma tafx jekk din hijiex verita`. Ħa nkomplu bit-tieni GĦarbiel, dak tal-**QALB TAJBA**. Dak li trid tgħidli fuq il-ħabib tiegħi hija xi ħaġa tajba?
- Le. Anzi bil-kontra.
- Mela, saqsa Socrates, trid tgħidli xi ħaġa ħażina fuqu u lanqas inti ċert li hija l-verita`? Forsi jirnexxilek tgħaddi mit-tielet għarbiel, dak tal-**UTILITA`**. Huwa utli li jiena nkun naf dak li trid tgħidli fuq dan il-ħabib?
- Le, lanqas xejn.
- Mela, ikkonkluda Socrates, dak li kont ser tgħidli la huwa veru, la tajjeb u lanqas utli. Allura għalfejn ridt tgħidli dan?



**Iz-zekzik huwa xi ħaġa ĦAŻINA. Fil-bidu jista' jkun li jidher xi ħaġa pjaċevoli imma fl-aħħar mill-aħħar, jimla lil qlubna bl-imrar u jivvelenana wkoll.** (Papa Franġisku)

# Knisja waħda, vjaġġ wieħed.

# 7. Il-Ġrieħi Tal-Poplu

## 7. L-Ispirtu Miġruħ Tagħna: ir-Ruħ Personali u Kollettiva

Il-kawża tal-ġrieħi tagħna finalment huwa d-dnub - il-kburija li taqtagħna minn Alla. Meta nġibu ruħna bħallikieku Alla ma jeżistix u nifirdu l-ħajja spiritwali mill-ħsibijiet tal-ħajja ta' kuljum, aħna nferu l-ispirtu tagħna li min-natura tiegħu jfittex dak li hu traxxendentali. Għalhekk din il-ġerħa, kemm personali, kif ukoll komunitarja, tiġi riflessa fit-talb tagħna.

## Stedina:

Bħala l-Poplu ta' Alla f'Malta, aħna msejħin biex:

- Nagħmlu l-festi reliġjużi tagħna memorja kollettiva ta' devozzjoni reliġjuża, u mhux wirjiet ta' qawwa.
- Il-liturġiji tagħna ta' kuljum u tal-Ħadd ikunu ħin ta' talb profond, u mhux mumenti li jixbhu aktar lil xi spettaklu.
- Nagħmlu t-tempji tagħna monumenti fil-ġebla tad-devozzjoni tal-poplu, u mhux simbolu ta' Knisja li teħtieġ attenzjoni u manutenzjoni.

Aħna qed niġu mistiedna niftakru li huwa l-Ispirtu s-Santu li jibni l-Knisja, u li hu l-għajn tal-qima u t-talb veru tagħha.

**The Holy Spirit's Work**

- The Holy Spirit builds, animates, and sanctifies the Church.
- These elements of the Spirit's mission are evidence of the Holy Spirit's energy.

# Il-Kelma t'Alla llum

**Mattew 28:19**

*Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.*

L-espressjoni komuni "tmut bil-għatx" tindika li l-ilma jagħti l-ħajja. Fil-ħajja sagramentali tal-Knisja, l-ilma tal-magħmudija huwa d-daħla tagħna fil-familja ta' Alla.

Din inkomplu nagħmluha kull darba li inbillu subagħjna fl-ilma mbierek u nitolbu s-sinjal tas-Salib. Din l-azzjoni tfakkarna fl-ewwel daħla tagħna fil-familja ta' Alla fil-magħmudija.

Aħna niftakru fil-grazzji li rċevejna fil-magħmudija u dak li nkomplu nirċievu ma tul ħajjitna kollha.

- Kemm jiena persuna ta' talb u kemm inkun attent kull darba li inrodd is-salib?
- Kif nista' inkun iktar attent għal dawn ir-ritwali li fihom tant sinifikat?



**Talba:** Missier ta' Imħabba, inti troxx l-imħabba tiegħek b'abbundanza. Għinni nikber fl-imħabba tiegħek bħala ibnek/bintek.

**Jalla nkun xhud tiegħek, ma' kull min jiltaqa' miegħi.**

# L-Ispirtu Leġjunarju

Tajjeb jekk insiru nafu t-talba tal-konsagrazzjoni ta' San Massimiljanu. Ħa nħarsu lejha fi tliet partijiet:

(1) invokazzjoni

(2) karba lil Marija, biex hi tirċevina bħala propjeta` tagħha.

(3) karba lil Marija, biex hi tużana biex tirbaħ erwieħ oħra għaliHa.

It-talba tibda b' invokazzjoni:

> O Immakulata, Reġina tas-sema u l-art, kenn tal-midinbin u Omm maħbuba tagħna, Alla ried li jafda l-grazzji kollha f'idejk.

Hawn għandna t-titlu favorit ta' Marija, l-Immakulata. Bħalma nitgħallmu mid-dehriet f'Lourdes, din hija l-identita` tagħHa.

Għal Kolbe, din hija l-identita` l-aktar importanti, għax din tenfasizza l-għaqda intima tagħHa mal-Ispirtu s-Santu.

Din l-invokazzjoni ġġib ukoll parti oħra mill-identita` ta' Marija
This invocation also brings in another part of Mary's identity:

## <u>**Omm**</u>**:** Marija hija l-aktar Omm umli, ġentili u mimlija imħabba għalina.

Fl-aħħar, titlu ieħor favorit ta' Kolbe, li jirreferi għalih huwa "Marija Medjatriċi tal-Grazzji kollha". Għal Marija "Alla ried li jafda l-grazzji kollha f'idejk".

# Mill-Manwal

## Il-Pjan Tal-Leġjun (pġ 74)

4. Id-Dmir Ewlieni

Fis-sistema tiegħu l-Leġjun iqiegħed qabel kollox, bħala obbligu ewlieni ta' kull membru, id-dmir li jmur għal-laqgħat.

Hija l-laqgħa li ssawwar il-Leġjun. Jekk din il-ħolqa titkisser jew ma titqiesx kif imiss, il-membri jonqsu, u l-ħidma tisfa fix-xejn. Min-naħa l-oħra, il-qawwa tal-għaqda tissaħħaħ daqskemm il-laqgħa tkun irrispettata.

Il-Korp organizzat għandu ħajja tiegħu proprja, barra mill-individwi li jsawruh, aktar mill-ħmiel u l-ħtieġa tax-xogħol magħmul, tidher li hi fil-prattika dik il-kalamita li tiġbed membri ġodda. L-għaqda twaqqaf tradizzjoni, tnissel il-fedelta`, hi rrispettata u obduta, u lill-membri tispirahom b'mod l-aktar qawwi.

## Kellimhom lil-Legjunarji, u tara kif jafdaw fiHa bħal f'omm għaqlija mimlija għomor; u hekk Hi tabilħaqq.

Permezz tagħna, membri tagħha, is-Soċjeta` ta' Marija twassal u turi lil Marija, l-Omm tagħna tas-sema, lill-oħrajn.

Marija laqgħetna fis-Soċjeta` bħal fil-ħdan tal-imħabba materna tagħha biex tagħmilna nixbhu lil Ġesu` u b' hekk l-ulied priveliġġjati tagħha: biex tagħtina l-ħidma appostolika tagħna u hekk hi sseħibna fil-missjoni tagħha ta' Ko-Redentriċi tal-erwieħ.

# Tixtieq tkun taf iżjed fuq il-Leġjun?




***Għal iktar informazzjoni tista` tikkuntattja lil:***

**Malta** : Angela Buttigieg – Mob: 7938 6186 / Tel: 2138 6186
Email: angelabuttigieg139@gmail.com

**Għawdex** : Albert Gauci – Mob: 99448723 / Tel : 21559071
Email: gauciag1@gmail.com

**Attard :** Doris Borg – Tel: 21435110
Email: dorisborg48@gmail.com

**Dingli** : Paul Ebejer - Mob: 79988680 / Tel: 21454581
Email: pebejer@jahoo.com

**Ħaż-Żebbug** : Marija Farrugia - Mob: 7973 0516 / Tel: 2146 3444
Email: marijafar@gmail.com

**Mtarfa :** Rose Zahra – Mob: 7970 6034 / Tel: 2145 0106

**Rabat :** Frederick Clark - Mob:9982 3744 / Tel: 2145 525
Email: fclark@go.net.mt

Grazzi talli kont magħna




# Tmiem